17 ta' Jannar, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ġużeppi Borg

**Bejgħ — Impożizzjoni ta' Kondizzjonijiet — Art. 21 u 22 tal-Government Notice 260 ta' l-1952.**

*In-negozjant bl-ingrossa ma jistax, bla raġuni tajba, jirrifjuta li jbiegħ lin-negozjant bl-imnut. Il-fatt li x-xerrej ried jixtri żewġ majjali minn ħamsa li kellu l-venditur, u ried jagħżilhom, ġie f'dan il-każ ritenut raġuni tajba għall-venditur biex jirrifjuta li jbigħhlu b'dik l-għażla, fil-waqt li offrielu li jbigħhlu ż-żewġ majjali li ried billi wieħed jagħżel ix-xerrej u ieħor jagħtih hu.*

***In-neguzjant ma jistax jimponi kondizzjonijiet fil-bejgħ ta' oġġetti ħlief dik li jeżiġi l-prezz li jistħoqq; iżda dan ma japplikax għall-każ li fih ix-xerrej ikun qiegħed jeżiġi kondizzjonijiet inġusti u l-venditur ikun qiegħed biss jirrespinġi dawk il-kondizzjonijiet.***

Fuq l-imputazzjoni illi, bħala bejjiegħ tal-laħam bl-ingrossa, irrifjuta li jbiegħ laħam tal-porku lill-bejjiegħ bl-imnut Carmelo Zammit, u li impona kondizzjoni fil-bejgħ ta' l-istess laħam, l-imputat, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta ta' l-ewwel ta' Diċembru 1952, ġie misjub ħati u kundannat għall-piena tal-multa ta' £10;

Trattat l-appell ta' l-imputat minn din id-deċiżjoni, il-Qorti kkunsidrat;

Skond ir-regolament 21 tal-Govt. Notice 360 ta' l-1952, in-neguzjant bl-ingrossa ma jistax "bla raġuni tajba" jirrifjuta li jbiegħ lin-neguzjant bl-imnut; u skond ir-reg. 22, in-neguzjant ma jistax jimponi ebda kondizzjoni dwar dak il-bejgħ ħlief li jitlob il-prezz li jistħoqq;

Mill-provi deher li l-imputat kellu ħames majjali għall-bejgħ. Carmelo Zammit ried jixtri tnejn minnhom, iżda ried jagħżilhom. L-imputat wieġbu li b'hekk ħadd ieħor jieħu l-ħażin, u offrielu li wieħed jagħtih hu u l-ieħor jagħżlu hu, ammenokkè ma riedx jieħu l-ħamsa;

Ir-raġuni ta' l-imputat ma jidherx li ma kienetx tajba, u kienet anki fl-interess ta' xerrejja oħra, biex dawn ma jieħdux il-ħażin biss u jitilfu; u għalhekk ma hemmx vjolazzjoni tar-regolament nru. 21;

Kwantu għar-regolament nru. 22, huwa veru li dan ma jemmix ir-"reasonable cause"; imma hu veru wkoll li dan ir-regolament ma jistax jiġi applikat għall-każ li fih ix-xerrej ikun qiegħed jeżiġi kondizzjoni inġusta u l-bejjiegħ ikun biss qiegħed jirrespinġi dik il-kondizzjoni. Il-liġi f'dak ir-regolament riedet trażżan l-għemil ta' bejjiegħ li, biex ma jbigħx, jew anki biex jeludi l-prezz fissat, jagħmel "sua sponte" xi kondizzjoni li indirettament tiddisswadi lix-xerrej milli jixtri, jew li tawmenta l-korrispettiv tal-bejjiegħ; imma l-liġi ċert li ma riedetx tqiegħed lill-bejjiegħ fil-pożizzjoni li jissubixxi l-kondizzjonijiet li x-xerrej ikun irid jimponilu "ultra legem"; għaliex kieku kien hekk, allura r-

regolament kien jista' jinqara bħalli kieku qiegħed jagħti lil kull xerrej il-poter li jimponi kull kondizzjoni li jrid lill-bejjiegħ, li ma jkunx jista' jirrifjuta;

Il-każ, għalhekk, ma jinkwadrax ruħu fl-ipotesi tal-liġi, rettament interpretata;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.